24 ta' Ottubru, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Renato Wirth et. *versus* Emmanuele Cassar

**Kompetenza — Valur.**

*Meta l-kreditu reklamat imiss lill-atturi b'mod li kull wieħed minnhom imissu ammont inferjuri għall-kompetenza tal-Qrati Superjuri, u ma jkunx hemm solidarjetà attiva "ex parte creditoris", il-Qorti*

*kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hija l-Qorti Inferjuri, avvolja l-kawża ta' l-obligazzjoni tal-konvenut hija waħda; għax dan il-fatt ma jġibx li l-kontroversja ssir ta' valur li jidħol fil-kompetenza tal-Qorti Superjuri.*

L-atturi fit-taħrika talbu li, wara li tiġi premessa kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' £19. 5. 0 għal prezz ta' xogħol ta' bini ta' ħitan bis-"cement concrete blocks" fil-pjan terren ta' l-edifiċċju li l-konvenut, bħala kuntrattur, qiegħed jikkostruwixxi għar-"Royal Engineers", skond stima ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili H. Sant (dok A). Bl-imgħaxijiet u b-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Ġunju 1949;

*Omissis;*

Billi l-kreditu reklamat kontra l-konvenut imiss lill-atturi nofs kull wieħed, u għalhekk kull wieħed imissu biss ammont inferjuri għall-kompetenza ta' dil-Qorti; u billi bejn l-atturi ma hemmx solidarjetà attiva "ex parte creditoris", u l-fatt li l-kawża ta' l-obligazzjoni tal-konvenut hija waħda ma jġibx li l-kontroversja ssir ta' valur li jidħol fil-kompetenza ta' dil-Qorti, iżda tibqa' ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri;

Il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione valoris", u tillibera lill-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-atturi.